**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Mejju, 2017**

**Citazzjoni Nru: 884/2010 AF**

**John McCormack**

**vs**

**Robert u Jane mizzewgin Bell u b'digriet tal-11 ta' April 2016 l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-wirt battal ta' Robert Bell**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur John McCormack li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-partijiet saru jafu lil xulxin meta l-attur gie f'Malta u fetah bar f'San Pawl il-Bahar, u terzi introducew lill-partijiet; maz-zmien il-partijiet saru hbieb u l-konvenuti wasslu lill-attur biex jemmen illi dawn kienu hbieb sew ta' xulxin.

L-attur hallas lill-konvenuti flejjes f'diversi okkazjonijiet, li ammontaw ghal kollox ghal mija u erba u sebghin elf, seba' mija u tnejn u erbghin Ewro (€174,742) skond l-anness prospett immarkat Dok. A.

Parti kbira minn dawn is-somom inghataw lill-konvenuti fuq bazi ta' bosta talbiet li saru minnhom, liema talbiet saru b'qerq mill-konvenuti, li bih l-attur kien imgieghel jemmen li s-somom kienu qed jithallsu sabiex isir investiment f'negozju; dan in-negozju qatt ma mmaterjalizza, u l-konvenuti qatt ma hallsu lura l-flus misselfa u lanqas ma taw rendikonti. Fil-kaz tal-ewwel negozju propost, li kien il-ftuh ta' *gym*, dan qatt ma sar u l-flus li thallsu lill-konvenuti qatt ma nghata rendikont taghhom. Fil-kaz tat-tieni negozju propost, li kien li jgestixxu lukanda fic-Cipru, l-attur wara skopra illi l-konvenuti komplew jitolbu l-flus li mbaghad kienu jithallsu lura minn dan in-negozju, izda fil-fatt in-negozju qatt ma gie konkluz u li n-negozjati kienu fallew xi zmien ilu filwaqt li l-konvenuti kienu qed jghidulu l n-negozjati kienu ghadhom ghaddejjin.

Parti ohra mis-somma indikata kienet tikkonsisti f'self *brevi manu* fuq talba tal-konvenuti, taht qerq illi kellhom diffikultajiet finanzjarji kbar u kienu jehtiegu ghajnuna finanzjarja ghal zmien qasir.

Il-konvenuti sselfu wkoll *stock* mill-bar tal-attur, McCormack's f'San Pawl il-Bahar, b'valur totali ta' seba' mitt Ewro (€700), biex ibieghuhom fil-bar taghhom, liema stocks qatt ma thallsu jew gew sostitwiti.

L-azzjonijiet tal-konvenuti kkawzaw lill-attur tant diffikultà finanzjarja li ma setax ikompli jinvesti fin-negozju tieghu stess, li huwa l-bar fuq imsemmi, u ghalhekk huwa kellu jaghlaq in-negozju minhabba nuqqas ta' fondi. Dan kien l-uniku ghajn ta' introjtu tal-attur u ghalhekk issa l-attur jinsab minghajr mezzi ta' l-ghajxien, u ghalhekk is-smigh ta' din il-kawza huwa urgenti. It-telf tan-negozju imsemmi kkawza telf finanzjarju u telf ta' *goodwill* lill-attur.

L-attur kellu jissellef is-somma ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) minghand il-familja tieghu sabiex ikun jista' jkompli

jghix f'Malta, ladarba kien sellef jew ghadda flusu kollha lill-konvenuti.

L-attur afda wkoll lill-konvenuti l-karozza tieghu, BMW, filwaqt li kien qieghed jiehu hsieb xi affarijiet tieghu barra, u l-konvenuti, minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu, bieghu l-karozza tieghu lil terzi u issa ghandha n-numru ta' registrazzjoni XAR 290; dan il-bejgh sar billi l-konvenuti ffalsifikaw il-firma tal-attur. Din il-karozza issa nqabdet mill-pulizija u hija s-suggett ta' azzjoni kriminali. Il-vettura kienet originarjament inxtrat fir-Renju Unit ghal valur ta' tnax-il elf u hames mitt Lira Sterlina (GBR 12,500).

L-attur hareg diversi mandati kawtelatorji fuq il-proprjetà tal-konvenuti f'Malta u jixtieq wkoll jesegwixxi t-talbiet teighu barra minn Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tordna u tiddikjara li l-konvenuti b'qerq hadu flus minghand l-attur, bhala flus mislufa li qatt ma kienu bi hsiebhom ihallsu lura, u bhala investiment f'negozji li qatt ma kien hemm intenzjoni li jigu konkluzi.

2. Tordna u tiddikjara li l-konvenuti kkawza lill-attur isofri danni b'rizultat tal-qerq imwettaq minnhom, inkluzi s-somom imhallsa mill-attur lill-konvenuti, u l-valur tal-istock u tal-vettura mibjugha b'qerq, u t-telf ta' negozju soffert mill-attur minhabba nuqqas ta' fondi.

3. Tillikwida l-ammont totali li l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-attur fuq bazi ta' dan li gej:

   a) it-total tas-somom imhallsa mill-attur lill-konvenuti kif indikati fil-prospett anness u mmarkat Dok. A;

   b) Il-valur tal-vettura, proprjetà tal-attur, tal-marka BMW, li nbieghet b'qerq perezz ta' falsifika tal-firma tal-attur mill-konvenuti jew min minnhom;

c) Il-valur ta' stocks mehuda mill-konvenuti mill-bar tal-attur, li qatt ma thallsu lura;

d) Danni kkawzati mill-attur bl-agir tal-konvenuti, inkluz it-telf ta' negozju minhabba li ma kienx f'posizzjoni finanzjarja li jkompli jhallas id-dejn tan-negozju.

e) Flus li l-attur issellef mill-familja tieghu sabiex ikompli jlahhaq mal-ispejjez tal-ghajxien.

4. Tordna l-hlas immedjat tas-somom hekk likwidati, flimkien ma' spejjez u interessi skond il-ligi sad-data tal-hlas finali u effettiv.

5. Tawtorizza minn issa lill-attur jesegwixxi sentenza eventwali barra minn Malta.

6. Taghmel kull ordni ohra li tista' tkun xierqa fic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-konvenuti, minkejja li debitament notifikati bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, baqgħu ma dehrux u lanqas ippreżentaw risposta għat-talbiet miġjuba kontrihom.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-assistent ġudizzjarju.

Rat id-digriet tagħha diversament presjeduta tal-11 ta' April 2016 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Yana Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal tal-konvenut Robert Bell.

Rat li l-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsuh lura l-ammont

globali ta’ €174,742 li huwa jgħid illi kien għaddilhom f’diversi okkażjonijiet, kemm sabiex jiġu investiti minnhom f’negozzju li qatt ma mmaterjalizża kif ukoll bħala self lill-konvenuti għall-bżonnijiet personali tagħhom. L-attur qiegħed jitlob ukoll li l-konvenuti jiġu kkundannati iħallsuh lura l-ammont ta’ €700 li jirrapreżentaw il-valur ta’ *stock* li l-konvenut ħa mill-*bar* li kien jiġġestixxi l-attur, il-valur tal-vettura personali tiegħu li huwa jallega ġiet mibjugħa mill-konvenuti mingħajr il-kunsens tiegħu, kif ukoll l-ammont ta’ €15,000 li huwa jgħid li kellu jissellef mingħand familjari tiegħu minħabba li spiċċa mingħajr flus wara li kien ta flusu kollha lill-konvenuti. Finalment l-attur qiegħed jitlob ukoll likwidazzjoni u ħlas ta’ danni.

Jirriżulta li l-konvenuti, minkejja li debitament notifikati bl-atti tal-kawża, ma ppreżentaw l-ebda risposta, u lanqas dehru quddiem il-Qorti. Madanakollu, huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et** deċiża fit-22 ta' Ġunju, 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri:

> *“... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa’ kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta’ jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35.”*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Avukat Dottor Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et** tat-30 ta’ Novembru 2015 qalet hekk dwar il-kontumaċja:

> *“L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioe` dik li ma jkunx jista` jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993 – “**Vella pro et noe vs Vella**” (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib*

*maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosita` tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b`mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghal htija, m`ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**).*

*Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m`ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta` konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara : **Kollez. Vol. XXIX.iii.35**). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Isegwi għalhekk illi minkejja l-kontumaċja tal-konvenuti, l-attur xorta waħda jeħtieġlu jressaq prova sodisfaċjenti sabiex jissostanzja t-talbiet tiegħu. In sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, l-attur ressaq diversi dokumenti inkluż kopji ta' *e-mails* skambjati bejn il-partijiet u xehed darba viva voce quddiem l-assistent ġudizzjarju. L-attur jispjega li kien sar jaf lill-konvenuti snin ilu meta dan tal-aħħar kien jaħdem bħala *deejay* fil-*bar* tiegħu. Peress li l-attur ma kienx kuntent bin-negozju tal-*bar*, jispega li l-konvenut issuġġerielu li jidħlu f'negozju flimkien. Oriġinarjament dan in-negozju kellu jikkonsisti fil-ftuħ ta' *gym* ġdid il-Qawra u għal dan il-għan l-attur kien għadda ammont ta' flus lill-konvenut. Madanakollu, eventwalment iddeċidew li minflok jinvestu f'lukanda ġewwa Ċipru b'dan illi l-konvenut informa lill-attur li l-flus li kien rċieva mingħandu għan-negozju tal-*gym* kellhom jintużaw minflok għal din il-lukanda. Jispjega li lill-konvenut kien jafdah għaliex kien iqisu bħala ħabib tiegħu.

L-attur ikompli billi jispjega li kien jgħaddi l-flus lill-konvenuti kull meta kienu jitolbuh, jew għal dan in-negozju, li spiċċa qatt ma mmaterjalizza, jew biex jgħinhom fil-bżonnijiet personali tagħhom. Huwa jikkontendi li l-konvenuti kienu jgħidulu li

għandhom bżonn dawn il-flus sakemm jitħallsu s-sehem tagħhom minn xi negozji oħra li kienu jiġġestixxu barra minn Malta. Jirriżulta li l-konvenuti kienu anke sselfu ammont ta' flus mingħand ħu l-attur. Fir-rigward tal-vettura li l-attur jikkontendi li nbiegħet mill-konvenut mingħajr il-kunsens tiegħu, jirriżlta li din ġiet irritornata lilu u għaldaqstant, huwa jispjega li m'għandux aktar pretensjonijiet kontra l-konvenuti dwarha.

L-attur ikompli billi jgħid illi l-konvenut kien ta struzzjonijiet lin-Nutar Robert Micallef sabiex jipprepara skrittura sabiex hu jikkostitwixxi ruħu debitur fil-konfront tal-attur fl-ammont ta' €174,742. Abbozz ta' din l-iskrittura ġie ppreżentat mill-attur. Madanakollu, l-attur naqas milli jressaq lin-Nutar Robert Micallef sabiex jikkonferma min tah struzzjonijiet iħejji dan id-dokument u għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ma tqisx illi dan id-dokument huwa prova sodisfaċjenti tal-allegazzjoni tiegħu li l-konvenut irrikonoxxa li huwa debitur tal-attur fl-ammont indikat.

Kif diġa ntqal, l-attur ippreżenta kopji ta' diversi *e-mails* skambjati bejn il-partijiet. Mill-kontenut ta' dawn l-*e-mails* il-Qorti hija sodisfatta li huwa minnu li l-attur kien għadda ammonti sostanzjali ta' flus lill-konvenuti għar-raġunijiet li spjega fix-xhieda tiegħu. Madanakollu, l-attur ressaq prova dokumentarja biss fir-rigward tas-segwenti:

i. €12,200 fi flus kontanti li l-attur ġibed mill-kont tal-bank tiegħu fl-24 ta' Mejju 2008 sabiex iħallas lill-konvenut għan-negozzju tal-*gym*, liema flus imbagħad kellhom jintużaw għal-lukanda ta' Ċipru;

ii. €12,000 fi flus kontanti li l-attur ġibed mill-kont tal-bank tiegħu fis-26 ta' Ġunju 2008 sabiex iħallas lill-konvenut għan-negozzju tal-gym, liema flus imbagħad kellhom jintużaw għal-lukanda ta' Ċipru;

iii. €450 li l-attur ġibed mill-kont tal-bank tiegħu sabiex iħallas għal tiswijiet fuq il-vettura tal-konvenut fl-4 ta' Frar 2009;

iv. €23,500 li l-attur ġibed mill-kont tal-bank tiegħu fl-20 ta' Marzu 2009 sabiex isellifhom lill-konvenuti;

v. €4000 mislufa mill-attur lill-konvenut permezz ta' cheque datat 7 ta' Jannar 2010;

vi. €14,900 fi flus kontanti li l-attur ġibed mill-kont tal-bank tiegħu fl-Irlanda sabiex jgħaddihom lill-konvenut bejn Novembru 2009 u Marzu 2010;

vii. €10,000 li l-attur għadda direttament lill-konvenuta permezz ta' *bank transfer* fis-26 ta' Frar 2010;

viii. €11,179.43 (GBP 10,000) li l-attur għadda direttament lill-konvenuta permezz ta' *bank transfer* fl-10 ta' Marzu 2010;

ix. €4823 li l-attur għadda lill-konvenut tramite *Western Union* fit-3 ta' Awissu 2010.

Bħala danni:

i. €41.07 (GBP 35) għall-vjaġġ għall-Irlanda fis-27 ta' Novembru 2009 sabiex l-attur jiġbed aktar flus biex jgħaddihom lill-konvenut;

ii. €37.55 (GBP 32) għall-vjaġġ għall-Irlanda fis-7 ta' Jannar 2010 sabiex l-attur jiġbed aktar flus biex jgħaddihom lill-konvenut.

Fir-rigward tal-bqija tal-flus li l-attur allegatament għadda lill-konvenut, huwa jgħid li m'għandux prova xi jressaq għaliex tħallsu kollha fi flus kontanti. Fin-nuqqas tal-inqas prova oġġettiva dwar l-ammont rimanenti, din il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-attur irnexxilu jipprova sal grad rikjest mil-liġi li għadda dawn il-flus lill-konvenuti. Kien jispetta lill-attur li jżomm rendikont tal-flus kollha li kien qiegħed jgħaddilhom u mhux jippretendi li l-Qorti taċċetta l-verzjoni tiegħu fuq il-kelma tiegħu biss. L-istess għandu jingħad fir-rigward tal-valur tal-*istock* li jallega li ħadlu l-konvenut. Fir-rigward tal-flus li allegatament issellef mingħand il-familja tiegħu, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur qiegħed jippretendi li jagħmlu tajjeb

għalihom il-konvenuti.  Ma jirriżultax illi huwa qiegħed iħallas xi imgħax fuqhom u allura lanqas jistgħu jiġu meqjusa bħala danni.

Għaldaqstant, għal-finijiet tat-talbiet attriċi, din il-Qorti sejra tqis biss l-ammonti fuq elenkati minn fejn jirriżulta li l-ammont globali li l-attur għadda lill-konvenuti jammonta għall €93,052.43 ma liema ammont irid jiżdied l-ammont ta' €78.62 rappreżentanti d-danni konsistenti fil-ħlas tal-vjaġġi li kellu jagħmel l-attur lejn l-Irlanda.

Fir-rigward tal-ammont li l-konvenut issellef mingħand ħu l-attur, il-Qorti tirrileva li dan l-ammont ċertament illi m'huwiex dovut lill-attur iżda lill-ħuħ li m'huwiex parti f'din il-kawża u għaldaqstant, din il-Qorti m'hijiex ser tikkunsidra it-talba tiegħu sabiex dan l-ammont jitħallas lilu.

Finalment u fir-rigward tat-talba attriċi sabiex il-Qorti tawtorizzah jesegwixxi din is-sentenza barra minn Malta, din il-Qorti tqis illi m'huwiex il-lok illi tagħti din ix-xorta ta' awtorizzazzjoni.  L-attur jista' jitlob l-esekuzzjoni ta' din is-sentenza skont id-disposizzjonijiet tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u fejn jeżistu, trattati internazzjonali sabiex jitlob l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza fil-ġurisdizzjoni li tkun.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi biss fir-rigward ta' dawk id-danni li ġew ipprovati u ċioè dawk elenkati f'din is-sentenza konsistenti fl-ispejjeż tal-ivjaġġar tal-attur sabiex imur l-Irlanda għall-aktar flus biex iħallas lill-konvenuti;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi billi tillikwida s-somma globali li l-konvenuti għandhom jirrifondu lill-attur fl-ammont ta' tlieta u disgħin elf, mija u wieħed u tletin Ewro u ħames centeżmi (€93,131.05);

4. Tilqa’ r-raba talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta’ tlieta u disgħin elf, mija u wieħed u tletin Ewro u ħames centeżmi (€93,131.05) bl-imgħax mid-data tas-sentenza;

5. Tiċħad il-ħames talba attriċi.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG